**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Rikors Nru. 958/13/2 NC**

**Edmond Mugliette (I.D. 661762(M))**

**vs.**

**Direttur tal-Kumpaniji u b'digriet datat 19 ta' Novembru 2013 l-isem tal-konvenut ġie jaqra "Reġistratur tal-Kumpaniji"**

**Digriet kamerali mogħti llum, il-Ħamis 12 ta' Awwissu 2021**

Il-Qorti,

Reġgħet rat ir-Rikors ta' Edmond Mugliette (I.D. Nru. 661762(M)), liema Rikors ġie ppreżentat fl-1 ta' Frar 2016 fejn il-Qorti kif diversament preseduta ġiet mitluba sabiex tordna lir-Reġistratur tal-Qrati:

"(1) *Jibda kontra r-Reġistratur tal-Kumpanniji proċeduri għal disprezz lejn l-awtorita' tagħha ai termini tal-Artikolu 997 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta*".

Rat id-digriet tat-8 ta' Frar 2016 fejn il-Qorti kif diversament preseduta ordnat notifika tar-Rikors lir-Reġistratur tal-Kumpaniji

bi żmien erbat (4) ijiem għar-Risposta u fejn irriżervat li tipprovdi dwar ir-Rikors fi stadju ulterjuri.

Rat ir-Risposta tar-Reġistratur tal-Kumpaniji ppreżentata fid-19 ta' Frar 2016.

Rat id-digriet tat-22 ta' Frar 2016 fejn il-Qorti kif diversament preseduta ordnat notifika tar-Risposta tar-Reġistratur tal-Kumpaniji lir-rikorrenti bi żmien erbat (4) ijiem għar-Risposta u fejn irriżervat li tipprovdi dwar ir-Rikors fi stadju ulterjuri.

Rat ir-Risposta ta' Edmond Mugliette ppreżentata fit-2 ta' Marzu 2016.

Rat id-digriet mogħti minn din il-Qorti hekk kif preseduta fid-29 ta' Lulju 2021 fejn, in segwitu tal-fatt li r-Rikors promutur ġie assenjat lilha riċentament, stiednet lir-rikorrent sabiex jiddikjara jekk kellux aktar interess fir-Rikors promutur.

Rat ir-Risposta tar-rikorrent Edmond Mugliett in segwitu tad-digriet datat 29 ta' Lulju 2021 hawn fuq imsemmi fejn qal hekk:

*"Illi l-esponenti jirrileva li l-intimat rregola ruħu u ottempera ruħu mas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta u għaldaqstant m'għandux aktar interess fir-Rikors promutur".*

Għaldaqstant, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-Rikors promutur.

___________________________
**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

______________________________
**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**